Intervista ma' Miss Lina Attard, Presidenta tat-Terz Ordni Karmelitan



**Minn fejn int u kemm ilek toqgħod fi Fleur-de-Lys?**

Jiena twelidt Victoria Gozo, fil-parroċċa ta' San Ġorġ. Meta kelli għaxar xhur (kont iż-żgħira fil-familja) il-familja ddeċidew li jiġu joqogħdu Malta għax ħut il-mama' meta żżewġu kollha ġew joqogħdu Malta, u xtaqu li jiġu huma wkoll. Ġejna noqgħodu Birkirkara viċin il-knisja ta' Sant' Elena.

Meta kelli madwar xi erba' snin il-papa ġie lura mill-Awstralja fejn kien mar minħabba x-xogħol. Darba ġie d-dar ċertu Wiġi tal-Pitrolju biex ikellem lil papa. Qallu: "Għadni kemm lestejt żewġt idjar il-'Furdulis' post pulit u arjuż. Għax ma tmurx tarahom forsi togħġobkom xi waħda minnhom?". Ġew jaraw u għoġbithom waħda, kienet 'Marconi House' fil-parapetti tal-faċċata – xi ħames bibien il-fuq fejn illum hemm il-Legion House. Dan kien f'Marzu ta' l-1934. Daqshekk ilni ngħix il-Fleur-de-Lys.

**X'tiftakar dwar dawn l-inħawi?**

Meta ġejna ftit kien hawn bini i.e. djar. In-naħa tal-knisja kien kollu għelieqi, tibda minn ħdejn il-Fleur-de-Lys Gate, fejn kien hemm l-għalqa ta' Bertu u tibqa' nieżla sa fejn il-ħanut tal-ħaddied. Ma niftakarx jekk il-ħaddied u d-djar ta' ħdejh kinux diġa' hemm. Niftakar biss li fl-aħħar tal-għalqa fil-għoli kien hemm għorfa mingħajr aperturi – kellha tieqa żgħira tagħti għat-triq Fleur-de-Lys. Ġo fiha kien joqgħod raġel xiħ bil-baffi, kien jismu Ċensu. Aħna t-tfal konna nibżgħu ħafna minnu. Meta konna noqgħodu xi ftit imqarbin il-mama kienet tgħidilna; "Ħa mmur ngħid lil Ċensu jiġi għalikom!" u malajr konna noqgħdu bil-għaqal".

In-naħa ta' fejn konna noqgħdu aħna kien hemm aktar bini, pero kien baqa xi għelieqi wkoll. Flok dak li jbigħ l-*ispare parts* tal-karozzi quddiem il-*Peter Blond,*

hemmhekk kien hemm sqaq żgħir li kien jagħti għar-razzett u l-għelieqi ta' Karmni minn fejn konna nixtru l-ħaxix u l-bajd. Fejn hemm illum is-sorijiet Agostinjani ta' *Bonavia House,* kien hemm għalqa oħra. Din kienet tibda minn fejn it-terrani tas-sorijiet - għax dawn kienu ġa hemm – u tibqa' sejra sa dik ir-rokna ftit 'l isfel minn 'Villa Diana'. Il-garaxx tas-sorijiet kien sqaq twil li kien iwassal għal razzett ieħor – ir-razzett ta' Karmnu – fejn kien iżomm mogħoż, nagħaġ, tiġieġ u fniek. Minn hawn konna mmorru nixtru l-ħalib, ġbejniet u xi serduk jew fenek għat-tisjir.



Fejn illum hawn il-*Canadis* tal-karozzi, aktar tard kien hawn il-fabrika tal-*Kitty Cola* ta' Sciortino u fejn hemm Mifsud l-*Electrician* kien hemm fabrika oħra tal-luminata ta' Sciberras. Dik il-biċċa bini l-isfel minn din il-fabrika kien hemm kalkara tal-ġir. Dak iż-żmien fi Fleur-de-Lys kien hawn *grocer* wieħed biss ta' ċertu waħda jisimha Teres. Dan kien fil-kantuniera t'isfel ta' Triq Elija quddiem il-ħaddied.

Aktar 'l isfel, fl-aħħar parapet kantuniera ma' triq Wejter, kien hemm l-iskola ta' Miss Karmena fejn il-ftit tfal li kien hawn kienu jattendu qabel ma jidħlu l-iskola l-kbira ta' Birkirkara. Jiena kont waħda minnhom.

**Dawn in-naħiet kif kienu magħrufa?**

Ir-residenti ta' hawn kienu jgħiduha kif inhu illum i.e. Fleur-de-Lys. Imma nies oħra kienu jsibuh bħala 'Furdulis'. Is-Sinjora ta' l-iskola ta' Birkirkara ukoll hekk kienet tgħid. Jiena u ħuti konna nattendu din l-iskola u meta kienet issemmi lilna kienet tgħid; "It-tfal tal-FURDULIS".

**Tiftakru l-Bieb tal-Fleur-de-Lys?**

Il-bieb niftakru sewwa. Dan il-bieb majestuż kien jagħlaq it-triq tar-Rabat bi tliet arkati waħda kbira fin-nofs bl-arma ta' Fleur-de-Lys skolpita fuq, minn fejn

kienu jgħaddu ż-żwiemel u xi karozzi u waħda żgħira f'kull ġemb minnfejn kienu jgħaddu n-nies. Dan il-bieb kien ikompli ma' l-akwedott li ġej mir-Rabat u ma dak li sejjer lejn S. Venera. Fir-rokna n-naħa ta' t-triq li tinżel għal Ħal Qormi kien hemm gabbana żgħira fejn kien ikun hemm pulizija bl-uniformi u bil-maniki bojod biex jidderieġi xi karozzi jew karozzini li kienu jgħaddu minn hemm.

**Tiftakar il-bini tal-Knisja u l-ftuħ tal-Knisja?**

Qabel ma nbniet din il-knisja konna mmorru nisimgħu l-quddies kuljum fil-knisja l-qadima ta' S. Venera għax dak iż-żmien konna mal-parroċċa ta' S. Venera. Fl-ewwel *air raid* tal-11 ta' Ġunju 1940, il-mama u ħuti l-kbar kienu għadhom kemm ħarġu mill-Knisja billi kienet għadha kemm spiċċat il-quddiesa tas-6.30 a.m. Jien u ħija konna għadna żgħar ma kinitx teħodna magħhom imma kienet tħallina d-dar ma' ħija l-kbir. Bdejna nisimgħu l-isparar u bżajna imma ħija qalilna li dak kien sparar tal-festa. Lill-mama u lil ħuti, l-pulizija daħħluhom għand in-nies għall-kenn. Il-mama qaltlu li għandha t-tfal żgħar weħidhom id-dar u riedet tibqa' ġejja. Il-pulizja qalilha; "Issa ħallik mit-tfal, int ma tistax tibqa' miexja". Ftit wara kienu fetħu d-dar ta' San Ġużepp għall-pubbliku u bdejna mmorru għall-quddies hemm. Ftit wara li bdiet il-gwerra mbagħad ġew il-patrijiet Dumnikani mill-Belt. Il-kunvent tagħhom kienet id-dar ta' Bonavia fejn illum hawn is-sorijiet Agostinjani u l-garaxx tas-Sorijiet kienet il-Kappella.

Jekk niftakar sewwa l-ewwel ġebla tal-Knisja tagħna tqiegħdet fl-1945 u l-knisja nfetħet xi sentejn wara. In-nies tal-Fleur-de-Lys sa fl-aħħar ħadu r-ruħ għax issa kellna l-knisja tagħna fil-qrib u hekk stajna nattendu għall-quddies kuljum mingħajr ebda xkiel.

**X'tgħidilna dwar il-Patrijiet Karmelitani?**

Fil-bidu kellna l-Patri Fonz bħala pirjol u dam ħafna hawn. Kien bniedem tajjeb u rett imma kien ftit skrupluż u Fra Ġwann li kien twajjeb u qaddis. Maż-żmien ġew Patri Leone Buhagiar u Patri Danjiel Sammut li kien iħobb ħafna l-mużika. Ftit wara li ġie waqqaf kor li kien magħmul mill-irġiel biss. Dak iż-żmien ma kinux joħolmu li jdaħħlu l-bniet jew ix-xebbiet fil-kor. Imbagħad bdew jinbidlu u ġew Patri Beneditt, Patri Marcellin u Patri Ġorġ u hekk baqgħu jinbidlu kull meta jkollhom il-Kapitlu.

Fra Ġwann kien inaddaf il-knisja waħdu, ma kellu l-ħadd igħinu. Darba kien sab lil oħti Ġuża u qalilha jekk tistax tmur tgħinu ftit fit-tindif anke jekk tieħu ħsieb l-artal u tfarfar il-bankijiet biss u hu jibqa' jaħsel l-art. Wara xi żmien qalilha biex tara ssibx xi żewġ tfajliet bil-għaqal biex jaħslu l-knisja għax hu ma kienx għadu jiflaħ. Kien irnexxielha ssib tlieta minn hawn isfel u kienu jiġu jnaddfu waqt li l-Patrijiet kienu jistrieħu wara l-ikel. Jiena u oħti konna nnaddfu l-kunvent isfel biss għax fuq kien klawsura. Konna mmorru s-Sibt wara l-aħħar quddiesa, għax is-Sibt ma kienx ikolli skola. Dak iż-żmien il-kunvent kien żgħir ħafna għax kien jikkonsisti f'dar waħda biss. Kellhom intrata dejqa ħafna, kamra laterali żgħira li kienet il-kamra tal-Fra, kċina żgħira u kamra ta' l-ikel.

**Kemm ilu t-Terz Ordni mwaqqaf hawnhekk u min kien waqqfu?**

Kien hawn diversi Terzjarji fil-Fleur-de-Lys li kienu jinkitbu S. Venera u jmorru għal-laqgħa hemm ukoll flimkien mat-Terzjarji ta' hemm. Dak iż-żmien il-grupp tat-Terzjarji kienet tmexxih Miss Helen Pizzuto . Oħti Ġuża kienet Maestra tan-Novizzi. Kienet tħajjar lin-nies biex jinkitbu tagħmlilhom xi taħdita dwar it-Terz Ordni u wara li jagħmlu sena prova kienu jipprofessaw fil-knisja ta' S. Venera u aktar tard fil-Knisja tax-Chateau Lonz. Jien ma kontx Terzjarja dak iż-żmien. Meta kien hawn numru sabiħ ta' Terzjarji fil-Fleur-de-Lys, Patri Rafel li kien id-Direttur tat-Terz Ordni ta' S. Venera kien jitla' hu u jagħmel il-Laqgħa hawn fil-knisja tagħna. Kien jagħmilha wara nofs inhar għax dak iż-żmien ma kienx isir quddies fil-għaxija.

Meta mbagħad ġie Patri Ġorġ Borg fil-Fleur-de-Lys ried iwaqqaf it-Terz Ordni hawn. Għalhekk sejjaħ lit-Terzjarji kollha tal-Fleur-de-Lys (Jien issa kont ilni ftit li nktibt fit-Terz Ordni u kont ipprofessajt ukoll). Ġabar 'l kulħadd fis-sagristija u għamlilna diskors. Qalilna li issa se jkollna l-Fergħa tagħna ndipendenti minn ta' S. Venera. Qalilna li Miss Pizzuto issa mhix se tiġi iżjed hawn imma se tibqa' il-Presidenta ta' S. Venera biss. Għalhekk kien hemm bżonn li nivvutaw għal Presidenta ġdida biex tieħu ħsieb il-fergħa tal-Fleur-de-Lys. Tana l-karti u l-lapsijiet u kulħadd ivvota lili. Hekk jien sirt il-Presidenta tal-fergħa ta' Fleur-de-Lys.

**X'kien is-sehem tat-Terz Ordni fl-Ewwel Festa?**

Fil-bidu l-funzjoni tal-festa konna nagħmluha fil-bidu ta' Lulju fil-knisja biss. La kien ikollna purċissjoni għax ma konniex parroċċa u l-anqas nar lejlet il-festa u wisq inqas baned. L-anqas vara ma kien għad hawn fl-ewwel festa imma konna

naghmlu funzjoni ħelwa fil-knisja. Ir-rwol tat-Terjarji dak iż-żmien kien li nħeġġu n-nies biex jattendu għal din il-Funzjoni u li niġbru donazzjonijiet bejnietna u mingħand nies oħra biex jinxtraw il-fjuri biex bihom inżejnu l-artal u l-knisja. Kienu jitkantaw is-Salve Regina, il-Flos Carmeli u kienet issir pried-ka fuq il-Madonna u l-Labtu tagħha wara li kien jingħad ir-Rużarju u l-ku runella mill-Fra. Dak iż-żmien il-lajċi ma kinux jieħdu sehem la fil-qari u l-anqas f'xejn. Waqt il-Funzjoni konna noqogħdu bilqiegħda nħarsu, naraw u nisimgħu biss imma xorta konna nifirħu.



**Is-sehem tiegħu illum?**

Illum it-Terz' ordni, flimkien ma l-Għaqdiet u l-Movimenti l-oħra, jipparteċipa bis-sħiħ fil-funzjonijiet kollha li jsiru fil-knisja jew barra bħal purċissjonijiet u attivitajiet oħra. Illum ukoll bħala Terzjarji norganiżżaw irtir kull xahar barra mill-parroċċa. Jistgħu jieħdu sehem mhux Terzjarji biss imma kull min jixtieq. Biex dan l-irtir ikun aktar attraenti norganiżżawh b'mod soċjo-reliġjuż. L-ewwel ikollna quddiesa bl-omelija u wara morru nieħdu te' f'xi restaurant jew hotel li nkun ibbukkjat minn qabel. Darba fis-sena jkollna 'Live In' ta' jumejn jew tlitt ijiem. Din is-sena morna New Paradise Bay Hotel. Kellna lil Fr Louis magħna, għalhekk kellna quddiesa kuljum bl-omelija, rużarju u talb ieħor flimkien. Imbagħad min ried seta' jieħu sehem fl-attivitajiet tal-Hotel bħal Keep Fit exercises, għawm fl-indoor pool eċċ. Fil-għaxija kien ikollna film show u kulħadd ħa gost ħafna. Kull sena, fix-xahar ta' Ġunju norganiżżaw pellegrinaġġ għal Madonna ta' Pinu u nżuru xi postijiet ta' nteress f'Għawdex.

**X'tibdil tara li sar fi Fleur-de-Lys?**

Sar tibdil u progress kbir. Qabel kien kullimkien raba u negozji xejn ħlief *grocer* wieħed. Illum il-Fleur-de-Lys qiegħed jiffjorixxi ħafna u nfetħu ħafna negozji. Tieħu pjaċir tara lin-nies jinteressaw ruħhom fil-festi u l-funzjonijiet tal-knisja. Illum kulħadd sar jinteressa ruħu f'dawn l-attivitajiet Reliġjużi għax il-patrijiet tal-lum qed jorganiżżaw kollox b'mod modern u nteressanti.

**Kieku kellek iċ-ċans li tibdel xi ħaġa x'tibdel fi Fleur-de-Lys?**

Żgur li kont nibdel it-triq Fleur-de-Lys. Naqlagħha ta' taħt fuq, nibdel id-*drain pipes* kollha u nagħmel il-culverts biex l-ilma tax-xita ma jinħeliex. Hija ħasra li meta tagħmel daqsxejn xita mhux ħażin, it-triq issir qisha xmara. Ħadd ma jkun jista' jaqsam la 'l hinn u l-anqas 'l hawn. Kont ukoll inneħħi l-*Fuel Station* għax qegħda fl-abitat u qed tħassar l-ambjent sew tal-post kemm ukoll ta' l-arja bil-fumes, u dan għad-detriment ta' l-abitanti kollha tat-triq b'mod speċjali dawk ta' madwar. Mill-bqija għandna ħafna kumditajiet bin-negozji li hawn ta' kull xorta madwarna u bil-'pellican lights' kull ftit metri li jiffaċilitaw ħafna il-konġestjoni tat-traffiku u wieħed ikun jista' jaqsam bil-kumdita' u bla biża' u nibżgħu għall-ambjent tagħna billi nżommuh nadif. B'hekk inkunu qegħdin ingawdu aħna stess!

**Nota ta' l-Editur**

*L-istorja tal-Fleur-de-Lys riċenti nafuha u ħafna minnha għexniha wkoll. Nixtieq nir-ringrazzja lil Ms Lina Attard talli għoġobha taqsam magħna dan it-tagħrif fuq il-Fleur-de-Lys ta' l-imgħoddi u tal-preżent.*

*Nagħmlu appell biex min ikun jixtieq jaqsam magħna l-esperjenzi tiegħu dwar il-Fleur-de-Lys ta' l-imgħoddi biex jikkuntatjana. Grazzi ħafna.*

# Kun Membru INT ukoll

Il-Kumitat Festi Esterni għandu skema ta' memberships għal dawk li jixtiequ jipparteċipaw b'mod attiv fil-ħidma lejn il-Festa.

Kull min hu interessat għandu jikkuntatja lil xi membru tal-kumitat.

Min għadu ma ġeddidx il-membership għal din is-sena għandu jkellem lil Kaxxier